ECHA/NA/11/55

L-ECHA ġġedded l-appoġġ tagħha lir-Reġistranti Prinċipali bi tħejjija għall-2013

L-ECHA tħeġġeġ lir-Reġistranti Prinċipali biex jintroduċu lilhom infushom sabiex jibbenefikaw minn appoġġ speċjali għat-tħejjija tal-iskadenza ta' reġistrazzjoni li jmiss, fil-31 ta' Mejju 2013.

Ħelsinki, 19 ta' Diċembru 2011 – Biex tgħin b'mod speċifiku lir-Reġistranti Prinċipali fl-attivitajiet SIEF tagħhom u fit-tħejjija tagħhom għall-iskadenza ta' reġistrazzjoni li jmiss, l-ECHA qed toffri sensiela ta' attivitajiet ta' appoġġ, li jinkludu żewġ workshops għar-Reġistranti Prinċipali fl-2012, sensiela ta' webinars u opportunitajiet oħra ta' taħriġ. L-ECHA ppubblikat l-iskeda preliminari għall-webinars fl-2011-2013 u paġna web iddedikata għall-ewwel workshop għar-Reġistranti Prinċipali li ser isir mit-2 sat-3 ta' Frar 2012. Il-webinars kollha u l-workshop ser jiġu rrekordjati bil-vidjow u sussegwentement ippubblikati fis-sit elettroniku tal-ECHA.

Bħala inċentiv addizzjonali għar-reġistranti prinċipali tal-SME li jiffaċċjaw l-isfidi li jmexxu SIEF, l-Aġenzija qed toffri li tirrimborsa l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni tal-SMEs li jixtiequ jattendu l-workshop għar-Reġistranti Prinċipali, soġġetti għad-disponibbiltà ta' postijiet u verifika ta' eliġibbiltà.

Dawn l-avvenimenti ser ikunu permezz ta' stedina biss lir-Reġistranti Prinċipali li l-ewwel identifikaw lilhom infushom permezz tas-sit elettroniku tal-ECHA. L-ECHA tixtieq tisħaq li kumpaniji li jinnotifikaw lilhom infushom bħala Reġistranti Prinċipali ma jkollhom l-ebda responsabbiltà żejda ħlief dawk diġà msemmija fir-Regolament REACH.

L-ECHA ser tippubblika wkoll l-identità tar-Reġistranti Prinċipali nominati soġġett għall-qbil individwali tagħhom sabiex tiffaċilita aktar il-formazzjoni SIEF. (Innota li bħala konsegwenza li jaqbel li jippubblika ismu, ir-Reġistrant Prinċipali ma jkunx jista' jikklejma l-isem tal-kumpanija kunfidenzjali fid-dossier tar-reġistrazzjoni.)

Li wieħed jinnotifika bħala Reġistrant Prinċipali mhux biss jiżgura li l-kumpaniji jkunu eliġibbli għal assistenza dedikata iżda jgħin ukoll lill-ECHA tidentifika t-tħassib speċifiku li r-reġistranti jistgħu jiltaqgħu miegħu fis-SIEF tagħhom. Barra minn hekk, meta jinformaw lill-ECHA dwar il-progress li jkun sar fis-SIEF, ir-reġistranti jistgħu jagħtu b'mod aktar important iċ-ċertezza lis-suq li s-sustanzi tagħhom ser ikunu reġistrati u ser jgħinu wkoll lill-Aġenzija tantiċipa aħjar l-għadd ta' sustanzi li għandhom jiġu ppreżentati qabel l-iskadenza ta' reġistrazzjoni li jmiss. Għal din ir-raġuni, jekk ir-rwol ta' Reġistrant Prinċipali jiġi trasferit minn kumpanija għal oħra, l-ECHA tapprezza ħafna li tkun informata b'tali bidla permezz tal-formola web.

Aktar tagħrif:

Notifika ta' Reġistrant Prinċipali fis-sit elettroniku tal-ECHA
https://comments.echa.europa.eu/comments_cms/LeadRegistrantNotification.aspx

Workshop għar-Reġistrant Prinċipali 2-3 ta' Frar 2012
http://echa.europa.eu/web/guest/view-article/-/journal_content/b5961cb7-ee61-4c40-9a14-9068f23f28f9

Il-paġni web tal-ECHA għal Impriżi Żgħar u ta' Daqs-medju:
http://echa.europa.eu/web/guest/support/small-and-medium-sized-enterprises-smes

Webinars 2011-2013 fis-sit elettroniku tal-ECHA
http://echa.europa.eu/web/guest/support/training-material/webinars

Lista ta' sustanzi bir-Reġistrant Prinċipali (kandidat) għall-iskadenzi tal-2013 u l-2018
http://echa.europa.eu/web/guest/reach-2013

L-Istqarrija għall-Istampa tal-ECHA fil-11 ta' Mejju 2011
http://echa.europa.eu/web/guest/view-article/-/journal_content/77a6455a-c28f-4183-91ca-a854f5c3a176